

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru 2020

li taħtar il-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika

(2020/C 445/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2017 ⁽²⁾, il-Kunsill ħatar lis-Sur Enrico GIOVANNINI bħala l-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għal perijodu ta' tliet snin mill-1 ta' Frar 2018.
- (2) Il-mandat tas-Sur Enrico GIOVANNINI se jiskadi fil-31 ta' Jannar 2021. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatar President ġdid sabiex jassumi l-funzjoni malli jiskadi dak il-mandat.
- (3) L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE jistipula li l-President ma għandux ikun membru attwali ta' Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jew tal-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Aurel SCHUBERT huwa b'dan maħtur bħala l-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għal perijodu ta' tliet snin mill-1 ta' Frar 2021.

⁽¹⁾ ĠU L 73, 15.3.2008, p. 17.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2017 li taħtar il-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ĠU C 439, 20.12.2017, p. 7).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH
